KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 403 (8-31)

Il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2021 fl-4.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**403.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

Is-Sindku qal li din il-laqgħa hija kontinwazzjoni tas-Seduta tal-15 ta' Frar 2021.

**403.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**403.3.1** Is-Sindku informa li din il-ġimgħa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur P.Attard, il-persuna inkarigata mix-xogħolijiet tal-GO, fejn ġew diskussi id-diversi issues li għaddejjin bħalissa u fejn ressaqna l-ilmenti kollha li ġew riċevuti u li dehru fuq il-medja soċjali. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex qabel itellgħu posts, jikkomunikaw mas-Segretarju Eżekuttiv ħalli jtellgħu informazzjoni korretta u aġġornata. Is-Sur Attard ta spjega dettaljata tax-xogħolijiet li qed jitwettqu u l-andament u sar qbil li kull issue li tinqala' ngħadduhielu mill-ewwel ħalli tiġi trattata immedjatament.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li r-rabja u l-frustrazzjoni tar-residenti hija dovuta għan-nuqqas ta' informazzjoni, uħud minnhom ilmenti raġjonevoli u xi wħud inqas. Hu qal li l-Kunsill għandu jkun konsultat u infurmat b'kull stadju u r-residenti avżati speċjalment meta ikunu ħa jingħalqu t-toroq.

Is-Sindku qal li dawn ix-xogħolijiet ilhom għaddejjin, u l-ikbar problema meta waslu għax xogħolijiet fil-qalba tar-raħal, anka peress li l-istruttura eżistenzi toħloq ċerti limitazzjonijiet biex jaħdmu.

Il-kunsillier Julian Borg qal li fl-opinjoni tiegħu ma fiha xejn ħażin li Kunsillier iwieġeb il-posts fuq il-medja soċjali u jsemmi x'suġġerimenti u proposti ressaq bħala Kunsillier biex joffri soluzzjoni, u jtaffi ftit mill-frustrazzjoni tan-nies.

Is-Sindku qal li kien hemm reazzjoni minn naħa tal-GO peress li l-informazzjoni li bdiet tingħata ma kinetx korretta u ma kienetx tirrifletti l-kuntatt kontinwu li kien għaddej bejnhom u l-Kunsill. Huwa qal li filwaqt li kulħadd għandu l-liberta' ta' informazzjoni, importanti kif qal qabel li issir komunikazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv biex ikun hemm informazzjoni korretta.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-iktar li inkwetat lin-nies kienet in-nuqqas ta' konsultazzjoni. Hija qalet li issib nies li investew eluf biex jirranġaw il-faċċata u jsibu cables imwaħħlin mingħajr pre-avviż. Hija kompliet li l-fatt li l-Kunsill ikun assenti għall-kummenti tar-residenti fil-media joħloq iktar rabja u frustrazzjoni. Kompliet li s-Sindku għandu dmir li jirrispondi u jagħti spjegazzjoni meta u fejn meħtieġ. Hija qalet li din is-sitwazzjoni diġa ġrat fil-kwistjoni tal-pompa tal-petrol u li n-nies jistennew leadership soda u li tirrappreżentahom. Qalet li ma tistax tifhem kif jidher artiklu fuq il-media u l-Kunsill ma jagħtix id-deċiżjoni uffiċjali li tkun ittieħdet mill-Kunsill bin-nies jibqgħu fil-għama.

Is-Sindku qal li anka jekk ma kienx hemm kummenti fuq il-media soċjali, jassikura li kien qed ikun hemm kuntatt kontinwu kemm minnu u anka mis-Segretarju Eżekuttiv u kull ilment riċevut ġie trattat u segwit, kemm fuq il-kwistjoni tal-GO u anka fuq issues oħra. Hu qal li għalkemm il-laqgħa saret dil-ġimgħa jassikura li diġa kien hemm numru ta' kwistjonijiet li għalihom instabet soluzzjoni. Hu talab lill-Kunsilliera biex jekk għandhom xi ilmenti fir-rigward jgħaddu d-dettalji lis-Segretarju Eżekuttiv biex sussegwentement il-ġimgħa d-dieħla issir laqgħa *on site*.

Is-Sindku qal li l-kuntatt u laqgħat mal-GO ilhom għaddejjin minn Lulju 2020. Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk is-Sindku kienx talab lil GO għall-pjan ta' fejn u f'liema toroq se jsiru xogħolijiet marbutin ma' dan l-proġett u ż-żmien li fih mistenni jsiru x-xogħolijiet f'kull triq. Dan sabiex il-Kunsill Lokali jkun tassew jista' jassisti f'koordinazzjoni u konsultazzjoni effettiva fuq l-proġett. Hi qalet li jekk is-Sindku ilu minn Lulju 2020 jiltaqa' mal-GO fuq l-proġett u ma talabx għal din l-informazzjoni bażika iżda kruċjali, allura ta' xejn li l-Kunsill Lokali qed joqgħod jgħid li ilu jiltaqa' għax huwa ċar li l-laqgħat ma ġabux riżultati effettivi. Is-Sindku wieġeb li hu għandu l-istil tiegħu ta' tmexxija li jista' jkun differenti minn ta' Alessia Psaila Zammit. Alessia Psaila Zammit sostniet li għandu iġib l-informazzjoni bażika fuq l-proġett biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jikkordina sew kull aspett li hu responsabbli minnu nkluż li jiġu nfurmati u konsultati r-residenti minn qabel u għall-ħruġ ta' permessi u mmaniġġjar tat-traffiku meta jkun hemm xogħolijiet marbuta ma' dan l-proġett.

**403.9 Jum is-Siġġiewi 2021 – Nominazzjonijiet Onorefiċenza Mertu Siġġiewi 2021**

Is-Sindku qal li għaddejjin il-preparamenti għall-programm u ser jintbagħat il-programm uffiċjali. Qed jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex kull attivita' ssir konformi mar-restrizzjonijiet preżenti u ma jinħoloq l-ebda riskju. Il-qofol tal-attivitajiet ser tkun is-serata u l-għoti tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi. Is-Sindku informa li kellu komunika mill-Uffiċċju tal-Onorevoli Chris Fearne li minħabba impenji oħra ma jistax jattendi għas-Serata u ġiet ikkuntattjata l-Eċċ. Tagħha l-President Emeritu Marie Louise Coleiro Preca li kkonfermat l-attenza tagħħa.

Is-Sindku qal li hemm il-possibilta' ta' għotja ta'ċertifikati ta' rikonoxximent f'okkażjoni oħra u li din tiġi diskussa iktar 'il quddiem. Is-Sindku semma s-7 nomini imressqa għall-approvazzjoni.

Is-Sindku qal li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar in-nominazzjoni ta' Albert Pace u kien hemm xi osservazzjonijiet. Sadanittant ivverifika dawn l-osservazzjonijiet u dwar l-issues legali li seta kien hemm. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda pendenzi legali rigward is-Sur Albert Pace u meta kien mitlub li jerfa' r-responsabilta' hu għamel dan u rriżenja mir-rwol li kellu ta' konsulent mal-Gvern dak iż-żmien. Is-Sindku qal li l-każ kien jinvolvi lit-tifla tal-individwu u qal li persuna m'għandux jibqa' bit-tikketta għal għomru fuq każ tal-passat. Minkejja din l-*issue* xejn ma jnaqqas mill-mertu ta' kontribut li l-persuna ta lill-lokalita' tul is-snin.

Is-Sindku qal li l-persuni nominati lkoll taw kontribut siewi lill-lokalita' f'kamp differenti.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit staqsiet lis-Sindku jivverfika jekk meta qed jgħid li m'hemmx pendenzi legali hux qed jirreferi wkoll għall-investigazzjoni tal-Pulizija li kienet ssemmiet fil-media , ftit snin ilu, dwar il-każ ta' kontroversja ta' permess għall-villa f'art ODZ li fiċ-ċentru tal-kontroversja, fil-media ssemma Albert Pace u membri tal-familja tiegħu. Hi staqstiet lis-Sindku jivverifika kellux xi nformazzjoni li l-investigazzjoni tal-Pulizija kienet ġiet konkluża jew twaqqfet u allura x'kienet il-konklużjoni. Hi qalet li l-informazzjoni li hi taf fuq l-każ huwa minn dak rappurtat fil-media u għalhekk talbet lis-Sindku jgħid li meta qed jivverifika li ma hemmx pendenzi legali qiegħed jagħmel dan b'responsabilità u għandu informazzjoni li wieħed jista' joqgħod fuqha. Hija talbet lis-Sindku jipprovdi dokumentazzjoni ta' dak li kien qed jgħid u jindika minn fejn ġab l-informazzjoni. Hi qalet li billi s-Sindku jiġi quddiem il-Kunsill u jgħid li m'hemmx pendenzi legali u ma jgħidx ma' liema awtoritajiet ġab l-verifika u bla ma jippreżenta dokumentazzjoni, allura s-Sindku m'għandux verifikazzjoni affidabli li l-Kunsill Lokali jista' joqgħod fuqha. Hi qalet li f'każ bħal dan, il-Kunsill Lokali ma jistax joqgħod biss fuq l-kelma jew opinjoni tas-Sindku. Alessia

Psaila Zammit sostniet li l-persuna nominata, Albert Pace, zgur li kien f'ċentru ta' kontroversja, bil-possibilità li jista' jkun għadha għaddejja investigazzjoni tal-Pulizija u għalhekk ma temminx li huwa persuna eżemplari bla ebda dell u kontroversja. Għal dan il-għan hi qed toġġezzjona li jiġi onorat bl-Onorificenza Mertu Siggiewi.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jitressaq l-eżitu u dokumentazzjoni tal-verifika biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jiddeċiedi dwar in-nomina.

Il-Kunsilliera Francine qalet li rigward il-verifika ma hemm xejn dokumentat iżda jekk issir riċerka fuq il-media ma ssib imkien li l-investigazzjoni ġiet konluża u allura sa tagħti l-impressjoni lir-residenti li l-Unur qed jiġi ridott għall-aspetti negattivi u anka jwaqqa l-valur ta' dan l-unur. Il-Kunsilliera Farrugia rreferiet għall-Att 363 dwar il-Gvern Lokali dwar 'Għoti ta' Onorefiċenza' fejn hemm speċifikat li 'l-persuna magħżula ma jridx ikollha passat kriminali jew proċeduri kriminali għaddejjin kontriha'. Hija qalet li skond informazzjoni pubblika fil-media il-każ għadu pendenti.

Is-Sindku talab li tingħalaq id-diskussjoni u jimxu għal materja li jmiss fuq l-aġenda.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit talbet lis-Sindku biex iressaq vot fuq l-ismijiet għall-Onorificenza Mertu Siġġiewi, għal votazzjoni wieħed wieħed u rrimarkat li quddiem nuqqas ta' qbil is-Sindku ma jistax jaqbad u jgħalaq l-materja bla vot u jiddeċiedi waħdu.

Is-Sindku talab li jimxu għall-materja li jmiss.

Il-kunsillier Alessia Psaila Zammit reġgħet talbet lis-Sindku jieħu vot fuq n-nominazzjonijiet u staqsietu għaliex qed jibqa jżomm milli jittieħed vot. Hi rrimarkat li Dominic Grech kien l-ewwel Sindku fl-istorja riċenti li jrid imur għal Jum is-Siġġiewi b'nuqqas ta' qbil fuq l-ismijiet għall-Onorificenza Mertu Siggiewi imma fl-istess waqt kien qed jibża jitlob vot . Is-Sindku qal li hu mhux qed jibża minn vot iżda jekk se jintalab vot hu jemmen li għandu jkun fuq l-ismijiet nominati kollha f'daqqa. Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit ma qablitx li l-ismijiet jitressqu kumplessivament peress li hemm riżervi fuq isem partikolari u għalhekk ressqet mozzjoni.

Mozzjoni:

**Billi kunsilliera differenti ressqu sitt ismijiet għall-kunsiderazzjoni tal-Onorificenza Mertu Siggiewi li huma:**
- **Il-Prof. Charmaine Gauci**
- **Rev. Joseph Grech**
- **L-Impjegati tad-Dar tal-Providenza**
- **Dr. Norbert Bugeja**
- **Grezzju Pace**
- **Albert Pace**
- **Mro. Raymond Sant**

**Billi tressaq l-isem ta' Albert Pace mill-Kunsillier Adrian Farrugia u li dwaru hemm qbil mis-Sindku Dominic Grech, pero kien hemm 3 Kunsilliera li wrew nuqqas ta' qbil,**
**Il-Kunsill Lokali, imlaqqa' llum il-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2021, jirriżolvi illi jittieħed vot fuq kull persuna minn dawk nominati sabiex jiġi reġistrat il-vot fuq kull persuna nominata.**

Proponent: il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Sekondant: il-Kunsillier Julian Borg

Vot fuq il-mozzjoni:
Favur 3 (il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia)
Kontra 3 (Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia)

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit qalet li kienet se tressaq mozzjoni speċifikament fuq n-nomina tas-Sur Albert Pace għaliex l-pożizzjoni ta' kull kunsillier għandha tkun reġistrata b'mod ċara fil-minuti fuq dan l-każ.

Mozzjoni:

**Billi dwar in-nominazzjoni tas-Sur Albert Pace għall-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi kien hemm Kunsilliera li esprimew il-prejokkupazzjoni li kien issemma fil-media dwar kontroversja,**
**U billi l-Kunsilliera li esprimew dan it-tħassib li huma Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia, iħossu li għandu jkun ċar li persuni li jingħataw dan il-Mertu, Onorifiċenza Mertu Siġġiewi m'għadux ikollhom xi tip ta dell jew kontroversja fuq isimhom u jkunu persuni eżemplari,**
**Il-Kunsill Lokali imlaqqa llum il-Ġimgħa 26 ta' Frar 2021,**
**Jirriżolvi li s-Sur Albert Pace ma jingħatax l-Onorofiċenza Mertu Siġġiewi.**

Proponent: il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Sekondant: il-Kunsillier Julian Borg u l-kunsilliera Francine Farrugia

Vot fuq il-mozzjoni:
Favur 3 (il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine farrugia)
Kontra 3 (Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Adrian Farrugia)

Is-Sindku talab vot fuq l-ismijiet tas-6 persuni l-oħra nominati:

- Il-Prof. Charmaine Gauci
- Rev. Joseph Grech
- L-Impjegati tad-Dar tal-Providenza
- Dr. Norbert Bugeja
- Grezzju Pace
- Mro. Raymond Sant

Votazzjoni: 6 favur

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet mill-laqgħa fis-5.40pm.

**403.16 Items oħra ta' xogħol li jkun meħtieġ**

403.16.1 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi updates rigward il-każ tal-art fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Is-Sindku wieġeb li hemm pendenzi legali, u hu jsostni l-pożizzjoni tal-Kunsill biex l-art tiġi żviluppata f'reading garden biex jitgawda minn kulħadd. Hu qal li jaf bl-issues ta' għargħar li qed tiffaċċja il-familja involuta u il-Kunsill lest li jagħti s-sapport tiegħu biex jiffaċilta dawn l-issues fil-fatt anka qajjem dan l-argument fil-laqgħa ma' IM. Il-Kunsillier Borg ħa l-impressjoni li r-residenti qed jistennew xi forma ta' risposta minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dik hija l-pożizzjoni preżenti tal-Kunsill.

**403.17** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-5.50 ta’ filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 ta’ Marzu 2021 fil-5.00 ta’ filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 15 ta’ Frar 2021

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv